Ref: 28/6/194/13

**<u>Minuti tal-Laqgha Nru. 28 tas-Sitt Legislatura</u>**

Il-Kunsill ltaqa' fl-ufficini amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar l-Erbgha 4 ta' Dicembru 2013. Il-laqgha bdiet fil-5.30pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Kunsillier Steve Axisa, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, il-Kunsillier Tyrone Muscat u l-Kunsilliera Rita Delezio.

Il-Vici-Sindku Dominic Grima w il-Kunsillier Ray Attard kienu skuzati. Il-membri tal-Kunsill accettaw li jkunu skuzati fuq ragunijiet personali.

Is-Sindku pprezenta lis-Sur Neil Joseph Tirchett, l-Ambaxxatur taz-Zghazagh tal-Kunsill Lokali Paola u li ser jibda jkun prezenti f'kull laqgha tal-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill awgurawlu kull success f'din il-kariga.

Kien hemm prezenti wkoll l-*Acting Secretary* Kevin Borg u l-iskrivana Alison Panzavecchia.

**1) <u>Minuti</u>**

**<u>Minuti tal-Laqgha Nru .27 tas-Sitt Legislatura</u>**

**<u>Materji Konnessi</u>**

1.1 - Re: Item 2.3 – Il-Kunsillier Axisa qal li ser ikollu laqgha mas-Sur Silvio Zammit minn Circus Events.

1.2 – Re: Item 2.10 – Il-Kunsillier Axisa qal li ser ikollu laqgha mas-Sur Alan Darmanin dwar il-website tal-Kunsill.

1.3 – Re: Item 3 – **PPP Progress** – Is-Sindku qal li fi Triq it-Tifkira u fi Triq San Edwardu hemm problema kbira bil-garaxxijiet ghax mhux kollha huma tal-istess livell. Hu zied jghid li l-Perit tal-Kunsill ser jaghmel survey dwar dan biex naraw kif tista' tissolva din il-problema.

1.4 – Dawn il-Minuti gew approvati nem.com

## 2) Korrispondenza

2.1 – Ittra mis-Socjeta' Filarmonika G.M. Fra Antoine De Paule Banda Kristu Re – Is-Segretarju s-Sur Gordon Dalli baghat ittra biex il-kunsill jaghmel reklam ta' €50.00 fil-Kalendarju li ser jigi ppublikkat ghas-sena 2014. Il-membri prezenti approvaw.

2.2 – Ittra minn RISE – Fr.Franco Fenech OFMCap baghat ittra ta' ringrazzjament lill-Kunsill Lokali Paola.

2.3 – Ittra minn *St.Thomas More College Boys Secondary School*, Paola – L-Agent Kap tal-Iskola, is-Sur Manuel Fenech, baghat ittra biex il-Kunsill Lokali Paola jaghti donazzjoni ta' €50.00 biex nghinu fl-attivita' ghall-Istrina 2013 li ser tkun organizzata mill-iskola stess. L-iskola ser jinkludu r-reklam tal-Kunsill ma'l-itwal ornament tal-Milied maghmul mill-idejn minn materjal riciklat.

2.4 – Ittra mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Memo 29/2013 – Ikliet/Ricevimenti Organizzati mill-Kunsill Lokali.

2.5 - *human trafficing activity* – Is-Sindku qal li ser isir Kuncert nhar is-Sibt 14 ta' Dicembru 2013 fid-9.00pm u saret stedina lil Kunsill Kollha.

2.6 – Is-Sindku qal li saru 2 claims fuq hsara ta' tyres li saru meta kienu ghaddejjin minn Triq il-Kampanella. Is-Sindku qal li dawn ghaddihom lil avukat tal-Kunsill. Huwa kompla jghid li ser ikellem lil Ministeru dwar din it-triq minhabba li hija perikoluza hafna.

2.7 – Is-Sindku qal li gab 3 quotations biex jinxtara generator ghall-ammonti ta' €835, €1180 u €1200. Il-membri approvaw li jinxtara generator bl-irhas offerta.

2.7.1 – Il-Kunsilliera Delezio ssuggeriet li meta jinxtara l-generator, dan ghandu jintuza' biss mill-haddiema tal-kunsill u ma jissellifx.

2.8 – Is-Sindku tkellem dwar l-attivita' Milied f'Casal Paola 2013 u li ser issir l-ikbar Christmas Tree bil-muffins li ser jinbieghu w l-flus kollha ser jinghataw ghall-Istrina. Hu kompla jghid li l-Kunsill ser jixtri l-materjal biex isiru l-muffins ghall-ammont ta' €503.50 u li dan l-ammont ser jigi rritornat mill-bejgh ta' l-istess muffins. Il-membri approvaw.

## 3) Hatra Segretarju Ezekuttiv

3.1 – Is-Sindku qal li giet ippubblikata l-lista tal-Pool tas-Segretarji Ezekuttivi mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u l-Kunsill hareg call fil-gazzetta tal-gvern li taghlaq nhar il-Hamis 12 ta' Dicembru 2013 u li ser isir interview board. Wara diskussjoni, gie deciz li dan il-bord ikun maghmul mis-Sindku w mill-Kunsilliera Lynch u Delezio u li nhar is-Sibt 14 ta' Dicembru 2013 fid-9.00am ser isiru l-interviews fl-ufficini tal-Kunsill Lokali Paola.

3.2 – Is-Sindku qal li min nhar it-Tnejn 9 ta’ Dicembru 2013 ser jibda skrivan iehor bl-iskema tal-ETC.

3.3 – ***Performance Bonus*** – L-Agent Segretarju u l-iskrivana hargu mill-kamra. Wara, saret diskussjoni dwar il-*performance bonus* tal-haddiema tal-Kunsill. Gie deciz li jinghata l-massimu tal-performance bonus lill-haddiema kollha.

3.4 – Il-Kunsilliera Delezio qalet li tixtieq li l-Kunsill jistieden lil Dr.Jose’ Herrera u Dr. David Agius fl-ufficini tal-Kunsill Lokali Paola.

## 4) Attivitajiet

4.1 – Is-Sindku ssuggerixxa li jsir party ghall-haddiema tal-Kunsill nhar it-Tnejn 23 ta’ Dicembru 2013 f’12.00. Il-membri approvaw.

4.2 – Wara diskussjoni, gie deciz li ssir ikla ghall-istaff u l-kunsilliera f’Jannar 2014 skond Memo 29/2013.

4.3 – Sar qbil li jinxtraw xi rigali ghall-Parties tal-Anzjani u tfal u li jinxtraw hampers ukoll.

4.4 – Il-kunsillier Lynch qal li gab *quotations* u wara diskussjoni sar qbil li l-ikel tal-party tal-anzjani ser jinxtara minghand Peppi Primavera.

4.5 – Il-Kunsilliera Lynch qal li qieghed f’diskussjonijiet biex itella’ grupp jaraw il-presepju f’Ghajnsielem, Ghawdex.

## 5) Pagamenti

5.1 - Is-Segretarju ressaq il-lista tal-pagamenti ghall-approvazzjoni tal-Kunsill ghas-somma ta’ €56,940.33

5.2 – Re: cekk nru 5556 – Wara diskussjoni, gie deciz li dan ic-cekk ta’ *Cleansing Directorate* ghall-ammont ta’ €1,290.00 jigi kkancellat.

5.3 – Il-membri approvaw is-somma ta’ €55,650.33.

## 6) Aggornament

6.1 - Il-Laqgha giet maghluqa fis-7.30pm u aggornata ghal nhar il-Hamis 19 ta’ Dicembru 2013 fil-5.30pm.

Approvati llum ___________________________

| | |
|---|---|
| ___________________ | ___________________ |
| Kevin Borg | Roderick Spiteri |
| *Acting Secretary* | Sindku |